MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 513/2003

**Anthony Fenech**

**vs**

**Adrian Pillow**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-14 t'Ottubru tas-sena 2003 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas is-somma ta' tlett elef hames mija u ghaxar Liri Maltin u sebgha u erbghin centezmu, (LM3,510.47,0), rapprezentanti l-valur ta' xoghlijiet ta' installazzjoni ta' dawl u ilma, liema xoghlijiet gew ezegwiti mill-attur fuq struzzjonijiet tal-konvenut, kif ukoll spejjez ta' materjal li l-attur uza fl-istess fondijiet, u

dan kif jirrizulta minn prospett hawn mehmuz u mmarkat Dok. AF1;

2. Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra interpellatorja datata 2 ta' Settembru tas-sena 2003 u bl-imghax legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut datata s-27 ta' Jannar, tas-sena 2004 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament din il-kawza hi purament vessatorja stante li l-esponent qatt ma harab mir-responsabbilita' tal-hlas;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont dovut hu kontestat u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz;

3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tar-rapprezentant legali tal-konvenut datat it-2 ta' Gunju tas-sena 2004 li permezz tieghu informa lill-qorti li kien bi hsiebu jitlob ghall-kjamat in kawza tas-socjeta' hemm indikata;

Rat il-verbal tal-qorti datat is-6 t'Ottubru tas-sena 2004 li permezz tieghu ddekretat li stante li kien ghadda perjodu ta' zmien konsiderevoli u dak indikat mill-konvenut baqa' ma sarx, kienet qed tinjora l-kwistjoniindikata fil-paragrafu precedenti;

Rat il-verbal tar-rapprezentant legali tal-attur datat is-16 ta' Novembru tas-sena 2004 li permezz tieghu talbet li l-kawza tithalla ghas-sentenza;

Rat ir-risposta tar-rapprezentant legali tal-konvenut ukoll datata s-16 ta’ Novembru tas-sena 2004 li rrimetta ruhu;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi fuq inkarigu esplicitu tal-konvenut Pillow, l-attur Fenech effettwa xoghlijiet ta’ dawl u ilma u ta’ tqeghid ta’ katusi fi proprjeta’ tal-konvenut;

2. Illi dan ix-xoghol sar mill-attur u mill-impjegati tieghu fil-perjodu bejn April u Mejju tas-sena 2002;

3. Illi dawn ix-xoghlijiet saru fi blokk ta’ appartamenti f’ Imsida Circus li fihom gew effetwati diversi alterazzjonijiet;

4. Illi x-xoghlijiet maghmula mill-attur kienu skond is-sena u l-arti;

5. Illi l-ammont dovut mill-konvenut hu dak indikat fl-avviz odjern u hu assodat mid-dokumentazzjoni annessa ma’ l-istess li ma gietx kontradetta, (ara fol 2-11);

6. Illi x-xoghlijiet kollha jirrizulta li saru taht is-supervizjoni tal-konvenut, (ara fol 22-23);

7. Illi l-konvenut kien kemm – il darba gie mitlub jaghmel tajjeb ghall-ammont minnu dovut izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk ittiehdet din il-procedura;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tiddikjara li hi sodisfatta li l-attur ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi, tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-konvenut Adrian Pillow hu debitur ta’ l-attur Anthony Fenech stante li baqa’ ma hallasx lill-imsemmi attur ghax-xoghlijiet in dizamina li saru fuq struzzjonijiet tieghu;

2. Tillikwida l-ammont dovut mill-konvenut Pillow lill-attur Fenech dak indikat fl-avviz promotur ta’ tlett elef hames mija u ghaxar Liri Maltin u sebgha u erbghin centezmu, (LM3510.47,0);

3. Tikkundanna lill-konvenut Pillow ihallas lill-attur Fenech l-ammont ta’ tlett elef, hames mija u ghaxar Liri Maltin u sebgha u erbghin centezmu, (LM3,510.47,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------